PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2008/2157(INI)

15.9.2008

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija Frontex tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-fruntieri Eurosur
(2008/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Philip Claeys

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fl-abbozz ta' rapport li se jadotta.

1. Jenfasizza li l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali tikkostitwixxi sewwasew l-ewwel prijorità tal-Unjoni Ewropea u jikkunsidra li huwa fatt essenzjali li l-Aġenzija FRONTEX qed tippromwovi ftehimiet ta' koperazzjoni operazzjonali flimkien mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-pajjiżi li, skont ħafna evalwazzjonijiet tar-riskju, huma kkunisidrati bħala pajjiżi li minnhom tgħaddi l-immigrazzjoni illegali;

2. Iqis li huwa essenzjali li l-FRONTEX tagħti għajnua bil-għan li ssaħħaħ lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati sabiex kemm it-taħriġ u l-kompetenza teknika tal-persunal ta' sorveljanza, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza bejn il-fruntieri stess ikunu konformi man-normi u l-esiġenzi tal-UE; jirrakkomanda bil-qawwi f'dan ir-rigward li l-mezzi finanzjarji u tekniċi neċessarji jkunu disponibbli għall-Istati li jikkoperaw bi sħiħ mal-FRONTEX;

3. Jinnota li l-Libja huwa pajjiż ta' transitu konsiderevoli tal-immigranti illegali bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Italja jew Malta, u li huwa importanti li tiġi stabbilita forma ta' koperazzjoni strutturata, li fiha tinkludi b'mod sħiħ lil-Libja, fil-qasam tal-kontroll bejn il-fruntieri flimkien mal-Istati tan-Nofsinhar tal-Mediterran, fost dawn tal-aħħar il-Libja għandha rwol ewlieni; jitlob għaldaqstant li n-negozjati bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Libjani jerġgħu jiġu miftuħa;

4. Iqis li hu meħtieġ li l-FRONTEX tasal għal ftehima flimkien mal-awtoritajiet Torok fil-futur qarib u li l-pulizija nazzjonali, il-ġendarmerija u l-għassiesa tal-kosta Torka jipparteċipaw bis-sħiħ f'din il-koperazzjoni futura; jirrakkomanda bil-qawwi evalwazzjoni sistematika u fil-fond tal-implimentazzjoni ta' ftehima futura bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Torok; ifakkar f'dan ir-rigward li l-aħħar rawnd ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija dwar ftehima ta' tkomplija imur lura għal Diċembru tal-2006 u li l-Kummissjoni Ewropea nnifisha tirrikonoxxi li dawn in-negozjati attwalment huma weqfin;

5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri ta' pajjiż terz, aktar u aktar ta' pajjiż kandidat, jiġu inklużi fil-qafas tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħha mal-Istat ikkonċernat, u li d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ammissibilità minn Stat fuq talba għall-koperazzjoni mal-FRONTEX għandu jkollha konsegwenzi diretti fuq dawn ir-relazzjonijiet;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jeżaminaw il-mod li bih il-FRONTEX u l-EUROSUR jistgħu jiġu integrati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kummerċ illegali tal-armi, it-traffikar tad-droga u l-kriminalità internazzjonali.